A.L. 45 ta' l-1996

ATT TA' L-1991 BIEX IĦARES L-AMBJENT (ATT NRU. V TA' L-1991)

Regolamenti ta' l-1996 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 6, 32, 33 u 48 ta' l-Att ta' l-1991 biex Iħares l-Ambjent, il-Ministru ta' l-Ambjent bi ftehim mal-Ministru ta' l-Intern, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu ir-Regolamenti ta' l-1996 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ, u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ, ħawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 146 ta' l-1993.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, fil-paragrafu (b) tat-tifsira ta' "staġun magħluq" tagħha, minflok il-kliem "l-1 ta' Jannar" għandhom jidħlu l-kliem "l-1 ta' Frar".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

3. Il-paragrafu (1) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:—

(a) fil-proviso li hemm għas-subparagrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "mill-10 ta' April" għandhom jidħlu l-kliem "mill-1 ta' April"; u

(b) minflok il-proviso li hemm għas-subparagrafu (ċ) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:—

"Iżda l-Kummissarju jista' joħroġ liċenza speċjali għat-teħid minn fuq l-art tal-Gamiema *(Streptopelia turtur)* u tas-Summiena *(Coturnix coturnix)* għall-perjodu mill-1 ta' April sa l-20 ta' Mejju, minbarra l-Ħdud u l-btajjel pubbliċi min-nofsinhar (12.00 p.m.) 'l hemm, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 15 ta' dawn ir-regolamenti;

Iżda wkoll, il-Kummissarju jista' joħroġ liċenza speċjali għat-teħid minn fuq l-art ta' l-Apparell *(Serinus serinus)*, tal-Gardell *(Carduelis carduelis)*, tal-Ġojjin *(Carduelis cannabina)* u tal-Verdun *(Carduelis chloris)* għall-perjodu mid-19 ta' Marzu sal-31 ta' Marzu, minbarra l-Ħdud u l-btajjel pubbliċi min-nofsinhar (12.00 p.m.) 'l hemm, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 15 ta' dawn ir-regolamenti;".

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

4. Il-paragrafi (2), (3) u (4) tar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala l-paragrafi (3), (4) u (5) rispettivament, u minflok il-paragrafu (1) tiegħu għandhom jidħlu dawn il-paragrafi li ġejjin:—

"4. (1) Kull tip ta' liċenza għat-teħid ta' l-għasafar tingħata lil min japplika jekk ikollu rakkomandazzjoni minn għaqda li tkun kostitwita skond il-liġi u li tkun tirrappreżenta lin-nassaba.

(4) (2) Kull tip ta' liċenza għat-teħid ta' l-għasafar tiġġedded kemm-il darba min japplika jkollu rakkomandazzjoni għas-sena ta' tiġdid li tkun tmiss minn xi għaqda li tkun kostitwita skond il-liġi u li tkun tirrappreżenta lin-nassaba. L-applikant irid ikun mela l-formola murija bħala l-Iskeda IV li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u ppreżentaha lid-Direttur responsabbli għad-dipartiment għall-ħarsien ta' l-ambjent, li sussegwentement joħroġ l-awtorizzazzjoni li tidher fi Skeda V li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.".

Jemenda l-Iskeda I tar-regolamenti prinċipali.

5. Fl-Iskeda I tar-regolamenti prinċipali, minflok il-partita 30 għandu jidħol dan li ġej:—

ISEM XJENTIFIKU	ISEM MALTI	ISEM INGLIŻ
"30. *Gallinula chloropus*	Gallozz Iswed	Moorhen
31. *Philomachus pugnax*	Girwiel	Ruff
32. *Rallus aquaticus*	Gallozz tax-Xitwa	Water Rail".

Jemenda l-Iskeda II tar-regolamenti prinċipali.

6. Fl-Iskeda II tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-partita 9 tiegħu, għandu jiżdied dan li ġej:—

ISEM XJENTIFIKU	ISEM MALTI	ISEM INGLIŻ
"10. *Pluvialis apricaria*	Pluviera	Golden Plover
11. *Turdus philomelos*	Malvizz	Song Thrush
12. *Sturnus vulgaris*	Sturnell	Starling".

Iżid żewġ skedi mar-regolamenti prinċipali.

7. Minnufih wara l-Iskeda III li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandhom jiżdiedu dawn iż-żewġ skedi ġodda li ġejjin:—

"SKEDA IV

Dikjarazzjoni

Isem u Kunjom: _____

Indirizz: _____

_____

Numru tal-Liċenza: _____ I.D. Card: _____

Tip ta' Liċenza	A	B	Ċ	D	E	F	Ġ

GĦASAFAR MAQBUDA U/JEW MEĦUDA: **SENA** _____

KAĊĊA	ART	BAĦAR
Wiżża tal-Ful (*Anser fabalis*) Bean Goose		
Wiżża Griża (*Anser anser*) Grey Lag Goose		
Silfjun Ewropew (*Anas penelope*) Wigeon		
Kuluvert Griż (*Anas strepera*) Gadwall		
Sarsella (*Anas crecca*) Teal		
Kuluvert (*Anas platyrhynchos*) Mallard		
Silfjun (*Anas acuta*) Pintail		
Sarsella Ħamra (*Anas querquedula*) Garganey		
Palettuna (*Anas clypeata*) Shoveler		
Brajmla (*Aythya ferina*) Pochard		
Brajmla tat-toppu (*Aythya fuligula*) Tufted Duck		
Serra (*Mergus serrator*) Red-breasted Merganser		
Tiġieġa tal-Baħar (*Fulica atra*) Coot		
Pluviera (*Pluvialis apricaria*) Golden Plover		
Pluviera Pastarda (*Pluvialis squatarola)* Grey Plover		
Venewwa (*Vanellus vanellus*) Lapwing		
Ċinkonja (*Lymnocryptes minimus*) Jack Snipe		
Bekkaċċ (*Gallinago gallinago*) Snipe		
Gallina (*Scolopax rusticola*) Woodcock		
Tudun (*Colomba palumbus*) Wood Pigeon		
Alwetta (*Alauda arvensis*) Skylark		
Malvizz Iswed (*Turdus merula*) Blackbird		
Malvizzun tal-Qtajja (*Turdus pilaris*) Fieldfare		
Malvizz (*Turdus philomelos*) Song Thrush		
Malvizz Aħmar (*Turdus iliacus*) Redwing		
Malvizzun Prim (*Turdus viscivorus*) Mistle Thrush		
Sturnell (*Sturnus vulgaris*) Starling		
Gallozz Iswed (*Gallinula chloropus*) Moorhen		
Girwiel (*Philomachus pugnax*) Ruff		
Gallozz tax-Xitwa (*Rallus aquaticus*) Water Rail		
	REBBIEGĦA	**ĦARIFA**
Gamiema (*Streptopelia turtur*) Turtle Dove		
Summiena (*Coturnix coturnix*) Quail		

B 590

INSIB	REBBIEGHA	HARIFA
Summiena (*Coturnix coturnix*) Quail		
Gamiema (*Streptopelia turtur*) Turtle Dove		
Gojjin (*Carduelis cannabina*) Linnet		
Apparell (*Serinus serinus*) Serin		
Verdun (*Carduelis chloris*) Greenfinch		
Gardell (*Carduelis carduelis*) Goldfinch		
Sponsun (*Fringilla coelebs*) Chaffinch		
Ekru (*Carduelis spinus*) Siskins		
Taż-Żebbuġ (*Coccothraustes coccothraustes*) Hawfinch		
Pluviera (*Pluvialis apricaria*) Golden Plover		
Malvizz (*Turdus philomelos*) Song Thrush		
Sturnell (*Sturnus vulgaris*) Starling		

Firma: Data:

SKEDA V

Awtorizzazzjoni

Kummissarju tal-Pulizija
Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija
Floriana.

Huwa kkonfermat li, l-persuna li d-dettalji taghha jidhru hawn taht, ghaddiet l-informazzjoni li turi l-ghadd ta' ghasafar maqbuda bil-kaċċa u/jew ghasafar meħuda bl-insib ghas-sena _____ li ġie mghoddi lil dan id-Dipartiment skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Harsien ta' l-Ghasafar u tal-Fenek Selvaġġ (A.L. 146 ta' l-1993).

Isem: _____

Indirizz: _____

_____

Numru tal-Karta ta' l-Identità _____ Liċenza numru: _____

_____ _____

Direttur
Dipartiment ghall-Protezzjoni
ta' l-Ambjent

Data

".